**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**
**(GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum it-Tnejn 15 ta` Lulju 2019**

**Kawza Nru. 2**
**Rikors Nru. 103/18 JZM**

**Francis Portelli (KI 986249M)**

**Anthony Cassar (KI 45750M)**

***kontra***

**Avukat Generali**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors li kien prezentat fit-<u>8 ta` Ottubru 2018</u> li jaqra :-

*Illi fil-21 ta` Frar, 2013, l-esponenti tressqu quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala qorti istruttorja akkuzati b`komplicita` fir-reati kontemplati fl-artikoli 115, 124 u 125 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta`*

*Malta kif ukoll bir-reat kontemplat fl-artikolu 3(1) tal-Kap 373 tal-Ligijiet ta` Malta.*

*Illi dakinhar, fuq talba tal-prosekuzzjoni, il-Qorti ordnat l-iffrizar ta` l-assi ta` l-esponenti. Sallum, kwazi sitt snin wara, il-kawza ghadha pendenti minhabba dewmien li, kif ser jigi spjegat, hu dovut unikament ghall-agir ta` l-intimat Avukat Generali.*

*Illi fis-7 ta` Marzu, 2013, il-prosekuzzjoni bdiet tipproduci l-provi taghha. Sat-23 ta` Jannar, 2014 semghet sittax-il xhud. Fit-12 ta` Marzu, 2014, u cioe` sena wara l-bidu tal-proceduri fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Francis Portelli u Anthony Cassar", il-prosekuzzjoni infurmat lill-Qorti li kellhom jintbaghtu xi ittri rogatorjali lejn l-Isvizzera u ghalhekk it-termini ta` l-istruttorja gew sospizi. Huwa bl-akbar rispett inkoncepibbli kif talba ta` din in-natura ssir sena wara l-inizzju tal-proceduri. L-avukat sottoskritt kien ghalhekk talab li s-smigh tax-xhieda jkompli fil-mori ta` l-istennija tar-rizultat ta` l-ittri rogatorjali. Effettivament il-Qorti ordnat li l-proceduri jitkomplew.*

*Illi fis-27 ta` Novembru, 2014, wara li waslu xi risposti mill-Isvizzera, l-atti ta` l-istruttorja ntbaghtu lill-Avukat Generali. Bejn it-12 ta` Marzu, 2014 u s-27 ta` Novembru, 2014 instemghet xhud wahda biss, Dr Claudette Fenech mill-MFSA li esibiet diversi dokumenti li kienu gja` gew esibiti mill-ufficjal prosekutur waqt is-seduta ta` l-14 ta` Marzu, 2013. Ghal kull buon fini qed jigi rilevat li Dr Claudette Fenech giet prodotta bhala xhud fl-24 ta` April, 2013 u ma gietx mitluba tikkonferma d-dokumenti esibiti mill-ufficjal prosekutur. Fi kliem iehor, nonostante l-ordni tal-Qorti tal-Magistrati sabiex il-proceduri jitkomplew, il-prosekuzzjoni ma pproduciet assolutament ebda prova ta` sustanza ghajr ghal xhud li bi ftit iktar attenzjoni, l-attendenza taghha ghat-tieni darba, setghet tigi evitata.*

*Illi fit-18 ta` Frar, 2015, wara li xehdet it-traduttrici Lorraine Williams, irrizulta li l-awtoritajiet Svizzeri kienu qed jitolbu izjed informazzjoni dwar l-allegat involviment ta` l-esponenti. Din it-talba da parti ta` l-awtoritajiet Svizzeri saret peress li l-informazzjoni li ntbaghtet mill-prosekuzzjoni Maltija ma kellhiex x`taqsam mal-fatti tal-kaz in dizamina u kienet tirrigwarda esklussivament terzi persuni u mhux lill-esponenti.*

*Illi wara zewg seduti ohra fejn ma sar assolutament xejn ghajr ghall-produzzjoni inutili – in kwantu inammissibbli – tal-ko-imputati Tancred Tabone u Frank Sammut, il-Qorti, fil-11 ta` Mejju, 2015, regghet issospendiet it-termini ta` l-istruttorja.*

*Illi fid-29 ta` Jannar, 2018, wara li gew esibiti USB sticks mibghuta mill-awtoritajiet Svizzeri u l-kontenut taghhom gie tradott, l-atti ta` l-istruttorja regghu ntbaghtu lill-Avukat Generali.*

*Illi fil-perjodu bejn il-11 ta` Mejju, 2015 u d-29 ta` Jannar, 2018, saru tnejn u ghoxrin seduta fejn, ghajr ghall-produzzjoni tal-USB sticks imsemmija, ma sar assolutament xejn. Wara d-29 ta` Jannar, 2018, f`sitt seduti ohra, rega` ma sar xejn u l-prosekuzzjoni ddikjarat minghajr mezzi termini li ma hijiex ser taghlaq il-provi taghha qabel ma jixhed il-ko-imputat Frank Sammut.*

*Illi dan ifisser li l-proceduri ta` l-esponenti, wara kwazi sitt snin, huma kompletament imwahhlin. Frank Sammut huwa akkuzat, inter alia, bl-istess reati li gew addebitati lill-esponenti. Kif intqal, inter alia, fid-digriet tal-Qorti Kriminali fl-ismijiet* ***Ir-Repubblika ta` Malta v. omissis, Ian Farrugia*** *(22.12.1998), persuna li tkun akkuzata, kemm bhala komplici kif ukoll bhala ko-awtur, bl-istess reat migjub kontra akkuzat iehor ma tistax tingieb bhala xhud favur jew kontra dak l-akkuzat l-iehor sakemm il-kaz taghha ma jkunx gie definittivament deciz. Dan il-principju japplika sia jekk dik il-persuna tkun giet akkuzata fl-istess kawza ta` l-akkuzat l-iehor – b`mod li jkun hemm "ko-akkuzati" fil-veru sens tal-kelma – u sia jekk tkun akkuzata fi proceduri separati. Il-bazi ta` dan il-principju hu argument a contrario sensu li jitnissel mill-paragrafu (b) ta` l-artikolu 636 tal-Kodici Kriminali.*

*Illi l-proceduri fil-konfront ta` Frank Sammut, li gew ukoll inizzjati fil-bidu tas-sena 2013, ghadhom fl-istadju tal-provi tal-prosekuzzjoni, fis-sens li l-Avukat Generali ghadu ma kkonkludiex l-istruttorja. Dan ifisser li ma hemm ebda tama li l-proceduri fil-konfront ta` l-esponenti jigu konkluzi fil-futur prossimu.*

*Illi l-esponenti, kif gja` inghad, huma wkoll personalment milquta b`ordni ta` iffrizar li qieghed jikkawza inkonvenjenzi, telfien ta` qligh, danni u tbatijiet kbar ghalihom. Filwaqt li tali ordni tista`*

*tkun oggettivament gustifikata fl-eventwalita` li jkun hemm prosekuzzjoni kapaci li taghlaq il-kaz taghha fi zmien ragonevoli, fil-mument li dan ma jsehhx tali ordni ssir biss strument ta` oppressjoni manifestament in konflitt mal-prezunzjoni ta` l-innocenza in kwantu tigi tradotta f`piena anticipata li ma tista` qatt tigi newtralizzata partikolarment fl-eventwalita` li s-suggett passiv taghha jigi lliberat mill-akkuzi migjuba kontrih.*

*Illi l-ordni ta` l-iffrizar huwa ancillari ghall-proceduri kriminali; jekk dawn jiksru, kif ser jigi spjegat, id-dritt ta` l-esponenti ghal smigh xieraq, hekk ukoll l-ordni ta` l-iffrizar tikser dak id-dritt; anzi ir-restrizzjoni fuq id-dritt ta` tgawdija ghall-proprjeta` mill-esponenti ghal zmien daqshekk irragonevoli jammonta mhux biss ghal ksur tad-dritt ta` smigh xieraq garantit fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem, izda wkoll l-Artikolu 1 ta` l-Ewwel Protokoll ghall-istess Konvenzjoni in kwantu c-cahda ghal zmien irragonevoli mit-tgawdija tal-proprjeta` hija wkoll ksur ta` l-istess dritt tal-proprejta` nnifsu kif gie stabbilit mill-Qrati taghna f`diversi kazi.*

*Illi s-Sub-titolu II tat-Titolu II tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodici Kriminali, li jittratta l-funzjoni u l-poteri tal-Qorti tal-Magistrati fil-vesti taghha ta` qorti istruttorja, ma jimponi ebda limitu ghal kemm-il darba l-Avukat Generali jista` juzufruwixxi ruhu mill-poter moghti lilu bl-artikolu 405. Izda l-intimat ghandu juza dan il-poter b`mod ragonevoli. F`dan il-kaz, fl-applikazzjoni ta` dan il-poter, huwa ecceda kull limitu ta` ragonevolezza u proporzjonalita` peress li l-intimat baghat l-istess talba ghal smigh ta` aktar xhieda ghal snin twal u dan a skapitu ta` l-esponenti li qed jipprofessaw l-innocenza taghhom u ma humiex f`posizzjoni jaghmlu d-difiza taghhom.*

*Illi l-esponenti jissottomettu li l-agir ta` l-Avukat Generali fil-proceduri fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Francis Portelli u Anthony Cassar" qieghed jikser id-dritt taghhom ghal smigh xieraq sancit mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta` Malta kif ukoll l-Artikolu 1 ta` l-Ewwel Protokoll ghall-Konvenzjoni Ewropea.*

*Ghaldaqstant l-esponenti, ghar-ragunijiet premessi, jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

*1) Tiddikjara li bl-agir ta` l-intimat Avukat Generali u bil-mod kif qieghed jikkonduci l-istruttorja, l-istess intimat kiser u qed ikompli jikser id-dritt taghhom ghal smigh xieraq kif sancit mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta` Malta u mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.*

*2) Tiddikjara wkoll li l-istess agir qed jikser id-dritt ta` l-esponenti ghall-proprjeta` kif sancit l-Artikolu 1 ta` l-Ewwel Protokoll ghall-Konvenzjoni Ewropea.*

*3) Tiddikjara n-nullita` tal-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala qorti istruttorja fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Francis Portelli u Anthony Cassar" u l-konsegwenti estinzjoni ta` l-azzjoni kriminali in kwantu l-Avukat Generali ma jridx jaghlaq il-provi tieghu.*

*4) Alternattivament ghat-talba precedenti, tordna lill-Avukat Generali sabiex jirrinvija ghall-gudizzju l-atti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala qorti istruttorja fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Francis Portelli u Anthony Cassar" f`terminu qasir stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti u thassar u tikkancella l-ordni ta` l-iffrizar in kwantu d-dewmien bil-ksur tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni qed jilledi d-drittijiet taghhom ghal smigh xieraq u ghall-proprjeta` kif fuq inghad.*

*5) Taghti d-direttivi kollha sabiex jigu sanciti d-drittijiet fondamentali u kostituzzjonali ta` l-esponenti kif protetti mill-istess Kostituzzjoni u Konvenzjoni inkluz l-ghoti ta` danni materjali u dawk mhux pekunjarji kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimat li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.*

Rat ir-risposta li pprezenta l-intimat fit-<u>2 ta` Novembru 2018</u> u li taqra hekk :–

1. *Illi dwar l-ewwel talba tar-rikorrenti, l-esponent ma jaqbilx li hemm ksur tal-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** u/jew tal-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta` Malta** ghaliex meta wiehed iqis in-natura tal-kaz kriminali, l-ghadd ta` provi li tressqu u l-imgieba tal-partijiet, wiehed ma jistax jasal ghall-konkluzjoni li l-proceduri*

*kriminali qeghdin idumu b`mod irragonevoli jew aktar milli jmisshom. Minbarra dan l-esponent jichad li l-prosekuzzjoni u/jew l-Avukat Generali qeghdin jitnikkru fit-tlugh tal-provi. Anzi l-prosekuzzjoni qeghda titmexxa b`mod responsabbli u bil-galbu.*

2. *Illi mbilli l-prosekuzzjoni qeghda tistenna li jintemmu proceduri kriminali ohra sabiex tkun tista` tharrek persuna bhala xhud fil-kaz kriminali tar-rikorrenti, dan ma jfissirx b`daqshekk li l-prosekuzzjoni qeghda tonqos mid-dmirijiet taghha li tmexxi l-kaz kriminali b`heffa. Wiehed ma jridx jinsa hawnhekk li huwa d-dmir tal-prosekuzzjoni li tressaq il-provi kollha li huma mehtiega sabiex tinkixef il-verità u titwettaq gustizzja. Ghalhekk ir-rikorrenti ma jistghux jippretendu li l-prosekuzzjoni ghandha tirrinunzja milli tipprova tikseb prova rilevanti ghar-raguni biss li dik il-prova ma tistax tingieb mill-ewwel izda wara li tkun giet moghtija sentenza li tkun saret gudikat.*

3. *Illi dejjem b`rabta mal-jedd ta` smigh xieraq, l-esponent lanqas ma jaqbel mar-rikorrenti li gie mxellef il-jedd tal-prezunzjoni tal-innocenza taghhom minhabba l-fatt li gidhom huwa milqut minn ordni ta` ffrizar. L-ordni ta` ffrizar hija mizura kawtelatorja mehuda fl-interess pubbliku mahsuba biex tizgura li hwejjeg li setghu nkisbu minn attivitajiet kriminali ma jintilfux sakemm idumu ghaddejjin il-proceduri kriminali. Il-fatt li hemm ordni ta` ffrizar fuq ir-rikorrenti ma jfissirx li l-prosekuzzjoni ppruvat il-kaz taghha li huma hatja tal-akkuzi li jinsabu mixlija bihom bhalma lanqas ma jfisser li ghaliex il-Qorti tal-Magistrati harget din l-ordni hija ga qatghetha li r-rikorrenti huma hatja tal-akkuzi mressqa kontrihom. L-akkuzi li tressqu kontra r-rikorrenti ghad irridu jigu determinati, b`dana li sa issa r-rikorrenti ghadhom igawdu mill-jedd tal-prezunzjoni tal-innocenza.*

*Ghalhekk l-ewwel talba tar-rikorrenti ma jisthoqqilhiex illi tintlaqa`.*

4. *Illi dwar it-tieni talba tar-rikorrenti, kif mibnija fuq l-**ewwel artikolu tal-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea**, jibda billi jinghad li r-rikorrenti ma messhomx ressqu l-ilment konvenzjonali qabel ma talbu lill-Qorti tal-Magistrati sabiex tibdel l-ordni ta` ffrizar ta` gidhom skont l-**artikolu 5(3) tal-Kap 373 tal-Ligijiet ta` Malta,** jekk huma kien jidhrilhom li din l-ordni mhijiex gustifikata li tibqa` fis-sehh.*

5. *Illi lil hinn minn dan, ghalkemm l-esponent jista` jifhem li l-ordni ta` ffrizar qeghda tfixkel lir-rikorrenti milli jgawdu hwejjighom kif iridu, madankollu l-istess esponent ma jistax jaqbel mar-rikorrenti li tali ordni nharget u nzammet fis-sehh bi ksur tal-jeddijiet tal-proprjetà taghhom. L-ordni ta` ffrizar: (i) inharget fuq bazi legali skont l-***artikolu 5 tal-Kap 373 tal-Ligijiet ta` Malta***, *(ii) hija fl-interess pubbliku ghaliex hija mizura konservattiva fil-glieda kontra d-delinkwenza u kontra l-hasil ta` flus gejjin mill-kriminalità; u (iii) hija proporzjonata ghaliex il-ligi fil-proviso tal-***artikolu 5(1)** *u fl-***artikolu 5(3)** *tipprovdi mekkanizmu xieraq u bilancjat bejn l-interess pubbliku u l-interess tal-akkuzat sabiex tnaqqas l-effetti tal-ordni ta` ffrizar halli b`hekk din ma tohloqx hsara u tbatija zejda fuq l-akkuzat;*

*Jigi b`hekk li anke din it-tieni talba ma jmissihiex tintlaqa`.*

6. *Illi t-tielet, ir-raba` u l-hames talba huma konsegwenzjali ghall-ewwel zewg talbiet. Darba li fil-fehma tal-esponent l-ewwel zewg talbiet ma jistghux jintlaqghu, ghandhom jaqghu wkoll it-tielet, ir-raba` u l-hames talba.*

7. *Illi bla hsara ghal dan, anke li kieku ghall-gieh tal-argument din l-Onorabbli Qorti kellha tasal ghall-fehma li r-rikorrenti sehhilhom juri li huma tabilhaqq garrbu ksur tal-jeddijiet kostituzzjonali jew konvenzjonali taghhom, zgur u mhux forsi din l-Onorabbli Qorti ma tistax taccetta t-tielet talba tar-rikorrenti u tiddikjara li l-proceduri kriminali mmexxija kontrihom ghandhom jitqiesu bhala estinti. Dan ghaliex is-siwi u l-validità ta` proceduri kriminali ma jigux nieqsa minhabba r-raguni biss li l-proceduri jkunu qeghdin idumu aktar milli jmisshom biex jintemmu. Iz-zmien jista` jkun fattur rilevanti ghall-estinzjoni tal-azzjoni kriminali li kieku l-proceduri kriminali ma nbdewx fil-hin u dan skont l-istitut tal-preskrizzjoni estintiva. Izda zgur iz-zmien mhuwiex fattur ta` estinzjoni tal-azzjoni kriminali wara li l-kawza kriminali tkun inbdiet u tinsab ghaddejja quddiem il-Qrati Kriminali.*

8. *Illi hekk ukoll mhijiex siewja ir-raba` talba tar-rikorrenti ghaliex l-ewwelnett jekk ir-rikorrenti riedu li jnehhu jew itaffu l-effetti tal-ordni ta` ffrizar allura huma messhom inqdew bir-rimedji ordinarji li jaghtihom il-***Kap 373 tal-Ligijiet ta` Malta** *quddiem il-qorti li bil-ligi hija moghnija li tiddeciedi kwistjonijiet bhal dawn. Fit-tieni nett*

*huwa naturali li ladarba l-ordni ta` ffrizar huwa att konservattiv sakemm tigi deciza kawza kriminali, dan ghandu jfisser li bhala principju generali sakemm ma jintwerewx ragunijiet xierqa li jindikaw mod iehor, tali ordni ghandha jtibqa` fis-sehh sakemm il-kawza kriminali tasal fit-tmiem taghha. Sewwasew fil-kaz taghna ghallinqas mir-rikors kostituzzjonali ma jirrizultax li r-rikorrenti indikaw ragunijiet tajba biex inehhu l-ordni ta` ffrizar. M`ghadux ikun hemm kwistjoni li d-dewmien fil-proceduri kriminali mhijiex wahidha raguni tajba biex tnehhi ordni ta` ffrizar;*

*Ghaldaqstant din l-Onorabbli Qorti hija umilment mitluba tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti u tiddikjara li huma ma batew l-ebda ksur tal-jeddijiet kostituzzjonali/konvenzjonali taghhom, bl-ispejjez jithallsu mill-istess rikorrenti.*

Semghet ix-xiehda u rat il-provi l-ohra li tressqu fil-kors tal-kawza.

Semghet is-sottomissjonijiet orali li ghamlu z-zewg nahat wara li kien dikjarat l-gheluq tal-provi.

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti l-ohra.

## II. <u>Xiehda</u>

Tressaq xhud wiehed li huwa l-**<u>Ispettur Rennie Stivala</u>.**

Stqarr illi huwa kien t-tielet prosekutur li mexxa l-proceduri kriminali kontra r-rikorrenti. Fil-fatt huwa beda f`Novembru 2016, wara li l-Ispettur Jonathan Ferris irrizenja mill-Pulizija.

Xehed illi meta dahal hu, kien fadal biss ftit persuni x`jiddeponi min-naha tal-prosekuzzjoni.

Qal illi llum min-naha taghhom hemm xhud ewlieni li fadal u li qeghdin jinsistu li ghandu jixhed.  Dan huwa Frank Sammut.  Sal-lum Sammut ma jistax jiddeponi ghaliex hemm pendenti kontra tieghu proceduri kriminali relatati mal-procediment li hemm pendenti kontra r-rikorrenti.

Fisser illi Frank Sammut ghandu diversi akkuzi fosthom hasil tal-flus.  Huwa l-persuna li allegatament kien involut fl-hekk maghruf bhala l-iskandlu taz-zejt.  Anke f`dak il-kaz huwa l-ufficjal prosekutur.

Mistoqsi x`kien fadal sabiex jinghalqu l-provi tal-prosekuzzjoni fil-kaz ta` Frank Sammut, it-twegiba kienet li kienu qeghdin jistennew risposti minn barra ghal ittri rogatorji.

Stqarr illi l-kawza kontra Frank Sammut bdiet fi Frar 2013.

Kompla jixhed illi fl-udjenza tal-20 ta` Marzu 2019 tal-kawza kontra r-rikorrenti, il-prosekuzzjoni kienet iddikjarat li kienu qeghdin jahdmu fuq rogatorji godda u li kien ghad fadal x-xhud Frank Sammut x`jiddeponi.

Stqarr illi ghalkemm ir-rogatorji kienu saru sentejn qabel, ir-risposta li giet minn barra ma kenitx ezawrijenti.

Qal ukoll illi sakemm waslu r-risposti minn barra u gew tradotti, kien ghaddew madwar 14-il xahar.

Spjega li wara li hadu konjizzjoni tar-risposti, dehrilhom li kellhom bzonn jaghmlu domandi ohra.

Mistoqsi mill-Qorti jekk dawn kienux intbaghtu l-ittri rogatorji l-godda, wiegeb illi dawn kienu ghadhom mhux mibghuta, ghaliex kien hemm diversi atti x`jigu skrutinati, u fil-kaz kien hemm biss involuta persuna wahda.

Ippreciza li b`dak li stqarr fil-paragrafu precedenti kien qed jirreferi ghall-kawza li kienet istitwita kontra Frank Sammut.

Stqarr illi Frank Sammut tressaq bhala xhud fil-kawza kontra r-rikorrenti pero` ghazel li ma jixhedx minhabba l-kawza li kienet istitwtita kontra tieghu.

Ikkonferma li sa minn meta kienet istitwita l-kawza kontra taghhom, kien hemm fis-sehh ordni ta` frizar kontra r-rikorrenti.

## III. <u>Fatti</u>

Il-partijiet ipprezentaw nota fejn kull naha ndikat il-fatti rilevanti.

### <u>Min-naha tar-rikorrenti</u>

jinghad illi :

Fil-21 ta` Frar 2013, ir-rikorrenti tressqu quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja akkuzati b`komplicita` f`reati kontemplati bl-artikoli 115, 124 u 125 tal-Kap 9, u l-artikolu 3(1) tal-Kap 373.

Dakinhar, wara talba tal-prosekuzzjoni, il-qorti ordnat l-iffrizar tal-assi tar-rikorrenti. L-iffrizar ghadu fis-sehh tal-lum ghalkemm ghaddew aktar minn sitt snin minn meta tressqu ghall-ewwel darba l-qorti.

Fis-7 ta` Marzu 2013, bdew jixhdu x-xhieda tal-prosekuzzjoni.

Fit-23 ta` Jannar 2014, il-qorti semghet 16-il xhud.

Fit-12 ta` Marzu 2014, il-prosekuzzjoni infurmat lill-qorti li kellhom jintbaghtu ittri rogatorji l-Isvizzera. Ghalhekk it-termini tal-

istruttorja kienu sospizi. Wara talba tad-difiza sabiex s-smigh tax-xhieda ikompli fil-mori tal-ittri rogatorji, il-qorti ordnat it-tkomplija tal-procediment.

Fis-27 ta` Novembru 2014, wara li waslu xi risposti mill-Isvizzera, l-atti marru ghand l-Avukat Generali.

Bejn it-12 ta` Marzu 2014 u s-27 ta` Novembru 2014, instema` xhud wiehed.

Fit-18 ta` Frar 2015, wara li xehdet traduttrici, irrizulta li l-awtoritajiet Svizzeri kienu qed jitolbu iktar informazzjoni dwar l-allegat involviment tar-rikorrenti. It-talba saret stante li l-informazzjoni li baghtet il-prosekuzzjoni minn Malta ma kellhiex x`taqsam mal-fatti tal-kaz in dezamina izda kienet tirrigwarda esklussivament terzi persuni.

Fiz-zewg udjenzi ta` wara, tressqu Tancred Tabone u Frank Sammut.

Fil-11 ta` Mejju 2015, rega` kienu sospizi t-termini tal-istruttorja.

Fid-29 ta` Jannar 2018, wara li kienu esebiti USB sticks li baghtu l-awtoritajiet Svizzeri u l-kontenut taghhom kien tradott, l-atti regghu marru ghand l-Avukat Generali.

Fiz-zmien ta` bejn il-11 ta` Mejju 2015 u d-29 ta` Jannar 2018, kien hemm 22 udjenza. Eskluza l-prezentata bhala prova tal-USB sticks, ma kienx hemm progress.

Wara d-29 ta` Jannar 2018, saru sitt udjenzi ohra fejn baqa` ma sar xejn.

Il-procediment kontra Frank Sammut beda fi Frar 2013 u l-prosekuzzjoni ghadha ma ghalqitx l-istadju tal-provi taghha.

**Min-naha tal-intimat**

kienu prezentati l-verbali tal-udjenzi.

Fl-atti ma jirrizulta ebda dokument li jirreferi ghal talba mid-difiza sabiex ix-xhieda jkomplu sakemm ikunu ghaddejja l-proceduri tal-ittri rogatorji.

## IV. Sottomissjonijiet

Il-partijiet ghazlu li jaghmlu sottomissjonijiet bil-fomm.

### 1. Ir-rikorrenti

Ir-rikorrenti ghaddejjin proceduri kriminali fejn sal-lum wara sitt snin ghad ma hemmx provi li jsostnu l-akkuzi kontra taghhom.

Jikkontendu li huma negozjanti ta` reputazzjoni u ta` affidabilita` u ghalhekk ghandhom kull interess li minghajr aktar dewmien inaddfu isimhom minn akkuzi li fil-fehma taghhom huma nfondati.

Jissottomettu li l-harsien tar-reputazzjoni hija konsiderazzjoni li ghandha l-piz taghha ghall-fini tal-harsien tal-jedd ghal smigh xieraq. Huma jridu li l-prosekuzzjoni taghlaq il-provi taghha sabiex ikunu jistghu jaghmlu d-difiza taghhom.

Jirrilevaw illi l-proceduri kriminali bdew fil-21 ta` Frar 2013, sat-23 ta` Jannar 2014, il-prosekuzzjoni kienet gabet il-bicca l-kbira tal-provi taghha, u wara prattikament ma sar xejn aktar.

Jirrimarkaw dwar ix-xhud Frank Sammut illi fil-proceduri kriminali kontra tieghu, l-intimat beda jipprepara l-ittri rogatorji wara

sitt snin propju ghaliex ix-xiehda tieghu kienet qeghda zzomm il-proceduri kriminali kontra r-rikorrenti milli jimxu.

Isostnu li kien att ta` irresponsabilita` min-naha tal-intimat illi fil-kawza kriminali kontra Frank Sammut l-ittri rogatorji ntbaghtu wara sitt snin mentri fil-kawza kriminali kontra r-rikorrenti l-ittri rogatorji ntbaghtu sena wara li bdew il-proceduri. Kompla jinghad illi fil-proceduri tar-rikorrenti, l-informazzjoni li baghat l-Avukat Generali kienet zbaljata.

Dwar l-ordni ta` ffrizar, jirrespingu l-argument tal-Avukat Generali li kien hemm rimedju ordinarju li setghu jirrikorru ghalih minflok il-procediment odjern, ghaliex jaffermaw illi kull talba li saret min-naha taghhom kienet opposta.

Jirrilevaw illi t-talba dwar l-ordni tal-iffirizar hija marbuta mat-talba dwar id-dewmien fil-proceduri ghaliex wara sitt snin il-prosekuzzjoni qabzet kull limitu ta` dak li huwa legalment accettabbli.

Wara sitt snin, l-ordni ta` iffrizar sar strument ta` oppressjoni u qed jivvjola anke d-dritt taghhom tal-presunzjoni tal-innocenza, billi ghalihom dik l-ordni diga` ttrasformat ruhha f`piena.

Jaccettaw illi fil-bidu tal-procediment kriminali l-ordni kien ragjonevoli u necessarju, izda ma baqax hekk meta l-prosekuzzjoni baqghet ma ghamlet xejn ghal hames snin u l-ordni baqa` hemm.

Jirreferu ghas-sentenza tat-13 ta` Lulju 2018 li tat il-Qorti Kostituzzjonali fir-referenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Silvio Zammit**.

Ighidu li r-rimedju mitlub tat-thassir tal-proceduri kriminali huwa mizura estrema izda necessarja ghaliex probabilment id-dewmien ser ikompli ghaddej is-snin jekk l-Avukat Generali ma jkunx dirett joqghod mal-obbligi tieghu. Fil-kaz li din il-Qorti ma jkunx jidhrilha li ghandha thassar il-procediment kriminali, allura r-rikorrenti qeghdin jitolbu lill-Qorti sabiex tordna lill-Avukat Generali sabiex jaghlaq l-provi fi zmien stabbilit minn din il-Qorti. Wara li jghaddi dak it-

terminu, allura d-difiza tibda tressaq il-provi taghha. Rinviju wiehed ghandu jkun bizzejjed biex il-prosekuzzjoni taghlaq.

## 2. L-intimat

Dwar l-ilment tad-dewmien, kien rilevat illi bhala principju generali, wiehed ghandu jistharreg il-kwistjoni fil-kuntest tal-assjem tal-procediment. Dan ikun jista` jsir meta l-kaz ikun maghluq. Jirreferi ghad-decizjonijiet tal-ECtHR fil-kaz ta` **X vs Belgium** tat-12 ta` Marzu 1962 u **Frightlander vs France** (Grand Chamber) tas-27 ta` Gunju 2000. Kien hemm ukoll numru ta` kazi fejn anke meta kien hemm dewmien ta` numru ta` snin, dak id-dewmien ma wassalx ghall-ksur tal-Art 6 tal-Konvenzjoni. Infatti fil-kaz **Ciricosta u Viola vs Italy** tal-4 ta` Dicembru 1995, id-dewmien kien ta` 15-il sena u xorta l-ECtHR ma sabitx li kien hemm ksur. Anke fil-kawza **Anthony Camilleri pro et noe vs L-Avukat Generali** li kienet deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-28 ta` Settembru 2012, ma rrizultatx vjolazzjoni anke jekk il-kawza kienet damet 12-il sena. Element krucjali huwa l-komplessita` (**Arap Yalgin et vs Turkey** deciza mill-ECtHR fil-25 ta` Settembru 2001).

Jissottometti li l-akkuzi kontra r-rikorrenti huma :– i) il-korruzzjoni ; ii) l-interess privat fl-aggudikazzjonijiet ; iii) l-interess privat fl-ghoti tal-ordnijiet ; u iv) il-hasil tal-flus. M`ghandux ikun hemm dubju li l-akkuzi jesigu provi komplessi.

Is-sensittivita` tal-kaz in relazzjoni mal-akkuzi hija konsiderazzjoni li ghandha piz. Jirreferi ghall-kaz ta` **Dobbertin vs France** li kien deciz mill-ECtHR fil-25 ta` Frar 1993. Fil-kaz tar-rikorrenti, diga` nstemghu 26 xhud. Jirreferi wkoll ghall-kaz ta` **Bejer vs Poland** li kien deciz mill-ECtHR fl-4 ta` Ottobru 2001. Fil-kaz tar-rikorrenti, ma jistax jitwarrab il-fatt li kien hemm bzonn ta` ittri rogatorji li jiehdu z-zmien biex jaslu ; f`dan l-Avukat Generali m`ghandux htija. Jirreferi wkoll ghal decizjonijiet ohra tal-ECtHR : **Van Pelt vs France** tat-23 ta` Mejju 2000 ; u **Limajster vs Austria** tal-24 ta` Gunju 1968.

Isostni li l-proceduri kriminali kontra r-rikorrenti, ghalkemm diga` ghaddew sitt snin minn fuqhom, li mhuwiex zmien qasir, ma jfissirx li jikkostitwixxi dewmien mhux ragjonevoli. Il-provi kollha li

setghet tellghet il-prosekuzzjoni ttellghu, izda kienet rinfaccjata b`intoppi fl-ittri rogatorji u li l-kwistjoni tax-xiehda ta` Frank Sammut. Il-fatt li hemm proceduri ohra pendenti kontra Frank Sammut huwa raguni gustifikattiva, ghaliex ma tistax taqbad u taghlaq l-provi, meta ghad hemm provi li jridu jitressqu, ghaliex altrimenti ikun hemm miscarriage of justice.

Il-kondotta tal-partijiet huwa element iehor. Min-naha taghhom, ir-rikorrenti kienu prezenti kwazi dejjem ghall-kawza. Kien hemm pero` tmien differimenti tal-kawza li kienu mitluba miz-zewg nahat.

L-intimat ma jikkontestax illi proceduri kriminali jkollhom effetti negattivi fuq min ikun akkuzat pero` ma jaqbilx li fil-kaz tar-rikorrenti s-sitwazzjoni taghhom waslet fl-istat li ggib ksur tal-jeddijiet fondamentali taghhom propju ghaliex hafna mid-dewmien kien ikkagunat mill-ittri rogatorji li fuqhom l-Istat Malti m`ghandux kontroll.

Ikompli jissottometti illi jekk din il-Qorti ssib li kien hemm vjolazzjoni, allura r-rimedju m`ghandux ikun it-twaqqif tal-kawza kriminali. Ghamel referenza ghas-sentenzi li tat il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza **<u>Giordi Felice vs Avukat Generali</u>** li kienet deciza fis-27 ta` Novembru 2017, u dik tal-11 ta` Awissu 2003 fil-kawza **<u>John Bugeja vs Avukat Generali.</u>**

Dwar ir-rimedju alternattiv ta` ordni ghall-gheluq tal-provi, l-intimat jirrileva li m`ghandux ikun ir-rwol ta` din il-qorti li tiehu post il-prosekuzzjoni u tiddeciedi hi l-gheluq tal-provi.

Fil-kaz li tirrizulta vjolazzjoni, ir-rimedju ghandu jkun biss l-ghoti ta` kumpens.

Dwar l-ordni ta` iffrizar, l-intimat jirreferi ghas-sentenza li tat il-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta` Ottubru 2018 fil-kawza **<u>George Tabone vs Avukat Generali</u>** deciza fil-5 ta` Ottobru 2018. Sostna li l-Kap 373 jaghti r-rimedji necessarji sabiex r-rikorrenti jitolbu li certi assi jinhelsu. Il-ligi zzomm bilanc gust bejn id-dritt tal-prosekuzzjoni li tiffriza l-assi, pendenti proceduri dwar hasil ta` flus, u d-dritt tal-akkuzati li jkunu jistghu jgawdu hwejjighom.

## V. **<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

### 1. **<u>L-ewwel talba</u>**

Fl-ewwel talba, ir-rikorrenti qeghdin jitolbu dikjarazzjoni mill-qorti illi :

*bl-agir ta` l-intimat Avukat Generali u bil-mod kif qieghed jikkonduci l-istruttorja, l-istess intimat kiser u qed ikompli jikser id-dritt taghhom ghal smigh xieraq kif sancit mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta` Malta u mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.*

### a) **<u>Dritt</u>**

**<u>L-Art 39(2) tal-Kostituzzjoni</u>** jghid :-

*Kull qorti jew awtorità ohra gudikanti mwaqqfa b`ligi ghad-decizjoni dwar l-ezistenza jew l-estensjoni ta` drittijiet jew obbligi civili ghandha tkun indipendenti u imparzjali ; u meta l-proceduri ghal decizjoni bhal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorità ohra gudikanti bhal dik, il-kaz ghandu jigi moghti smigh xieraq gheluq zmien ragonevoli.*

**<u>L-Art 6(1) tal-Konvenzjoni</u>** jghid :-

*Fid-determinazzjoni tad-drittijiet civili u tal-obbligi tieghu jew ta` xi akkuza kriminali kontra tieghu, kulhadd huwa ntitolat ghal smigh imparzjali u pubbliku zmien ragonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b`ligi. Is-sentenza ghandha tinghata pubblikament izda l-istampa u l-pubbliku jistghu jigu eskluzi mill-proceduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurta` nazzjonali f`socjeta` demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il- protezzjoni tal-hajja privata tal-partijiet hekk tehtieg, jew safejn ikun rigorozament mehtieg l-fehma tal-qorti f`cirkostanzi specjali meta l-pubblicita` tista` tippregudika l-interessi tal-gustizzja.*

**b) Gurisprudenza**

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza li tat il-Qorti Kostituzzjonali fil-15 ta` Dicembru 2015 fil-kawza "**Zakkarija Calleja v. Avukat Generali**" fejn inghad hekk :–

*"Fis-sentenza David Marinelli vs Avukat Generali (3 ta` Lulju 2008), il- Qorti irriteniet illi :*

*"B`mod generali, biex jigi determinat jekk is-smiegh f`xi proceduri quddiem il-Qorti sarx fi zmien ragjonevoli kif miktub mill-artikolu 39(2) tal- Kostituzzjoni u mill-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja, wiehed irid iqis ic-cirkostanzi kollha partikolari f`dawk il-proceduri, u b`mod partikolari :*

*1. in-natura u/jew komplessità tal-kaz in kwistjoni,*

*2. il-kondotta tal-partijiet fil-kawza,*

*3. il-mod kif dawk il-proceduri gew trattati u kondotti mill-awtorità gudizzjarja stess.*

*Fil-kawza Francis Theuma vs Avukat Generali (27 ta` Gunju 2003) intqal inoltre illi :*

*"S`intendi, dawn il-kriterji jridu jigi applikati ghall-kaz konkret u mhux fl-astratt, b`mod ghalhekk li ghandu jigi ezaminat sew il-process li jkun qed jigi allegat li jaghti lok ghall-ksur lamentat. Ma hemmx, ghalhekk, xi periodu pre-determinat, applikabbli ghal kull kaz, li jekk jinqabez ikun hemm ksur minhabba dewmien mhux ragonevoli".*

*…*

*F`dan l-isfond ghalhekk wiehed irid iqis il-fatturi kollha u c-cirkostanzi kompleti sabiex tkun tista` ssir evalwazzjoni tar-ragonevolezza o meno tad-dewmien lamentat."*

*L-awturi Van Dijk and Van Hoof jispjegaw illi :*

*"When the length of the relevant period has been established, it must subsequently be determined whether this period is to be regarded as reasonable. In many cases the Court only makes an overall assessment, in other cases however, it assesses the lapse of time in each stage of the proceedings. The reasonableness cannot be judged in the abstract but has to be assessed in view of the circumstances of each indivdual case".*

*Il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza Said vs Avukat Generali (11 ta` Novembru 2011) irriteniet illi :*

*"Ghalhekk skont dawn il-principji l-ebda fattur partikolari ma huwa wahdu konklussiv, imma l-Qorti trid tezamina l-fatturi kollha separatament biex tivvatula l-effett kumulattiv fuq il-proceduri fl-intier taghhom sabiex tara jekk dawn gewx maghluqa fi zmien ragjonevoli. Il-Qorti tista` ssib li fattur partikolari kien leziv mentri fatturi ohrajn ma kienux".*

Il-Qorti tirreferi wkoll ghas-sentenza li tat il-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta` Novembru 2017 fil-kawza "**Gordi Felice vs Avukat Generali**" fejn inghad hekk :-

*…*

*Din il-Qorti tosserva li l-intimat fin-nota ta` sottomissjonijiet tieghu in prim`istanza jghid li l-guri ta` William Agius u kwindi tar-rikorrent ghadhom ma gewx appuntati ghaliex iz-zewg akkuzati intavolaw kawza kostituzzjonali kull wiehed. Madanakollu, filwaqt li l-intimat ma ressaq ebda prova dwar xi proceduri kostituzzjonali istitwiti minn William Agius jew, jekk fl-affirmattiv, dawn ghadhomx pendenti, huwa assurd l-argument li process kriminali qieghed jigi differit indefinittivament minhabba l-pendenza ta` kawza kostituzzjonali li tittratta appuntu l-kwistjoni ta` dewmien eccessiv mhux ragjonevoli fid-determinazzjoni tal- istess process kriminali. F`kull kaz, din il-Qorti tqis li dan l-argument ma jiswiex bhala gustifikazzjoni ghal dewmien komplessiv ta` kwazi tlettax-il sena fis-smigh ta` process kriminali li mhux talli sal-lum ghadu pendenti, talli hemm ammissjoni inekwivoka tal-intimat li l-istess process ser jibqa` "fuq l-ixkaffa" sakemm jintemmu proceduri kriminali kontra terza persuna. Dan kollu jsarraf f`karenza manifesta ta` certezza dwar meta sejra tigi appuntata u mismugha, ahseb u ara deciza, il-kawza kriminali. Ma` dan ghandha tizdied il-konsiderazzjoni li sal-lum lanqas hemm hjiel dwar id-data meta ser tigi appuntata ghas-smigh il-kawza kontra l- imsemmi William Agius.*

*45. Ferm il-premess, u fid-dawl tan-nuqqas tal-intimat illi jipproduci provi sabiex jiggustifika d-dewmien fil-proceduri penali kontra r-rikorrent, il-Qorti ssib illi r-rikorrent sofra lezjoni tad-dritt tieghu ghal smigh xieraq sancit fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni meta, kwazi tlettax-il sena wara li tressaq quddiem il-qorti mixli b`reati taht tal-Kapitolu 31, ghadu qed jistenna li l-kaz tieghu jigi appuntat quddiem il-Qorti Kriminali. Dan id- dewmien ma jistax ma jigix meqjus bhala esagerat, mhux ragjonevoli u li jeccedi dak li hu jew ghandu*

*jkun normalment accettabbli f`socjeta` demokratika, u bhala tali jikser id-dritt fondamentali tar-rikorrent li jistenna li l-proceduri kriminali kontra tieghu jigu determinati fi zmien ragjonevoli.*

*46. F`hajja ta` bniedem tlettax-il sena huma zmien twil u, f`dan il-kaz tar-rikorrent, dan isarraf fi 13-il sena ta` incertezza fl-ahjar snin taz- zghozija fejn wiehed huwa mistenni jkollu l-ahjar opportunitajiet jibni l- pedamenti tal-hajja familjari u lavorattiva tieghu. Fil-kaz tar-rikorrent izda, dawn is-snin kollha ghaddiehom tiela` u niezel il-Qorti ghas-seduti, kif ukoll jinkwieta dwar il-futur tieghu ghaliex ghadu ma jafx x`ser isir minnu meta finalment jinqata` l-kaz tieghu wara dan iz-zmien kollu.*

*47. Jigi ribadit illi din il-lezjoni hija in parti dovuta wkoll ghall-ghazla ossia agir tal-intimat li, meta ddecieda li l-kawza kontra r-rikorrent ma tigix appuntata u ma tigix determinata qabel l-ewwel tigi appuntata u determinata l-kawza kontra William Agius, tawwal ulterjorment il- proceduri kontra r-rikorrent li kienu diga` ilhom pendenti diversi snin quddiem il-Qorti Istruttorja. Din il-Qorti tapprezza li din id-decizjoni tal-intimat, oltre li fiha nnifisa hija legali u ma timpingix fuq il-garanziji tad- dritt ghal smigh xieraq, ittiehdet ghall-ahjar tmexxija tal-prosekuzzjoni u certament mhux "bl-intenzjoni li jtawwal il-proceduri ... inutilment" kif jallega r-rikorrent. Madanakollu, ma tistax ma tosservax illi agir li jirrispetta l-garanziji ta` smigh xieraq fit-termini tal-Artikolu 6 Konvenzjoni ma jibqax konformi mad-dettami ta` smigh xieraq jekk ikollu effett inoltrat li jwassal ghal dewmien mhux ragjonevoli fid-determinazzjoni tal-process gudizzjarju, aktar u aktar dak kriminali, a skapitu tal-akkuzat.*

Il-Qorti rat ukoll is-sentenza li nghatat mill-Qorti kostituzzjonali fir-Referenza fl-ismijiet : **Il-Pulizija vs Silvio Zammit** : li kienet deciza deciza fit-13 ta` Lulju 2018, u li ghaliha saret referenza fil-kors tat-trattazzjoni.

## c) L-*iter* tal-kawza pendenti quddiem il-qorti istruttorja

Il-Qorti tirrileva illi kienu esebiti bhala prova l-verbali tal-udjenzi tal-kawza fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Francis Portelli u Anthony Cassar*.

Il-kaz ghadu pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja.

Sal-14 ta` Mejju 2014, il-Qorti kienet presjeduta mill-Magistrat Dr Edwina Grima. Wara li l-Magistrat Grima saret Imhallef, il-kaz kompla jinstema` mill-Magistrat Dr. Josette Demicoli.

Il-Qorti rat il-verbali li kienu esebiti.

Jirrizulta li l-*iter* tal-kawza kien dan :-

- Ir-rikorrenti tressqu bhala akkuzati, u dehru quddiem il-qorti fil-21 ta` Frar 2013.
- Dakinhar kien koncess lilhom il-helsien mill-arrest. Kien ukoll ordnat l-iffrizar tal-assi taghhom.

- Fis-7 ta` Marzu 2013, il-prosekuzzjoni bdiet tressaq il-provi taghha. Il-kawza thalliet ghall-14 ta` Marzu 2013.

- Fl-udjenza tal-14 ta` Marzu 2013, il-prosekuzzjoni kompliet iggib il-provi. Billi deher li kien hemm bizzejjed provi sabiex ir-rikorrenti jitqeghdu taht att ta` akkuza, il-qorti ordnat li l-atti jintbaghtu lill-Avukat Generali. Il-kawza thalliet ghall-24 ta` April 2013.

- Kompla l-gbir tal-provi. Il-kawza baqghet ghall-5 ta` Gunju 2013.

- Kompla l-gbir tal-provi. Il-kawza thalliet ghas-17 ta` Lulju 2013.

- Fis-17 ta` Lulju 2013, ma sar xejn wara rikors li pprezentat il-prosekuzzjoni. Il-kawza baqghet ghad-29 ta` Lulju 2013.

- Fid-29 ta` Lulju 2013, ma sar xejn ghaliex l-ufficjal prosekutur kien imsiefer. Il-kawza thalliet ghad-9 ta` Settembru 2013.

- Fid-9 ta` Settembru 2013, il-kawza kienet differita ghat-23 ta` Ottubru 2013 bi qbil bejn il-partijiet.

- Fit-23 ta` Ottubru 2013, komplew il-provi tal-prosekuzzjoni, u l-kawza baqghet ghall-4 ta` Dicembru 2013.

- Fl-udjenza tal-4 ta` Dicembru 2013, gara l-istess u l-kawza thalliet ghall-15 ta` Jannar 2014.

- Fil-15 ta` Jannar 2014, il-prosekuzzjoni pprezentat nota bl-ittri rogatorji sabiex dawn jintbaghtu lill-awtoritajiet Svizzeri, u kompliet tressaq il-provi. Il-kawza baqghet ghat-23 ta` Jannar 2014.

- Fit-23 ta` Jannar 2014, komplew il-provi tal-prosekuzzjoni. Il-kawza thalliet ghall-5 ta` Marzu 2014.

- Fil-5 ta` Marzu 2014, l-udjenza thalliet ghat-12 ta` Marzu 2014 bi qbil bejn il-partijiet.

- Fit-12 ta` Marzu 2014, ma sar xejn, hlief li l-qorti ordnat li sakemm ikun hemm l-esitu tal-ittri rogatorji, il-gbir tal-provi jkompli. Il-kawza baqghet ghall-14 ta` Mejju 2014.

- L-udjenza tal-14 ta` Mejju 2014 kienet differita ghaliex il-Magistrat Edwina Grima, li kienet qeghda tisma` l-kaz, saret Imhallef. Il-kawza baqghet ghall-4 ta` Gunju 2014.

- Fl-udjenza tal-4 ta` Gunju 2014, il-kaz kompla jinstema` mill-Magistrat Dr Josette Demicoli. Sar verbal fejn kien dikjarat mill-partijiet illi kienu qeghdin jezentaw lill-qorti milli terga` tisma` x-xhieda li kienu diga` nstemghu. Il-kawza baqghet ghall-14 ta` Lulju 2014.

- Fl-14 ta` Lulju 2014, ma sar xejn. Il-kawza kienet differita ghat-30 ta` Settembru 2014.

- Fit-30 ta` Settembru 2014, rega` ma sar xejn. Il-kawza thalliet ghas-27 ta` Novembru 2014.

- Fis-27 ta` Novembru 2014, il-prosekuzzjoni kompliet tressaq il-provi. Kien prezentat dokument li wara ghand l-Avukat Generali wara l-ittri rogatorji. Billi d-dokument kien bit-Tedesk, il-qorti ordnat li ssir traduzzjoni. Il-kawza baqghet ghas-7 ta` Jannar 2015.

- Fis-7 ta` Jannar 2015, ma sar xejn u l-kawza thalliet ghat-18 ta` Frar 2015.

- Fl-udjenza tat-18 ta` Frar 2015, dehret it-traduttrici li pprezentat d-dokument tradott li kien ntbaghat mill-Isvizzera. Il-kawza baqghet ghat-30 ta` Marzu 2015.

- Fit-30 ta` Marzu 2015, komplew il-provi tal-prosekuzzjoni. Il-kawza thalliet ghall-11 ta` Mejju 2015.

- Fil-11 ta` Mejju 2015, kienu sospizi t-termini tal-kumpilazzjoni ghaliex kien jonqos ir-risposti ghall-ittri rogatorji. Il-kawza marret ghas-27 ta` Mejju 2015.

- Fis-27 ta` Mejju 2015, ma sar xejn u kawza kienet differita ghat-3 ta` Gunju 2015.

- Anke fl-udjenza tat-3 ta` Gunju 2015, baqa` ma sar xejn u l-kawza thalliet ghall-24 ta` Gunju 2015.

- Fl-24 ta` Gunju 2015, il-qorti nghatat informazzjoni dwar l-ittri rogatorji u l-kawza kienet differita ghat-30 ta` Settembru 2015.

- Fit-30 ta` Settembru 2015, il-kawza thalliet ghat-28 ta` Ottubru 2015 ghaliex ir-risposti ghall-ittri rogatorji ma kienux ghadhom waslu.

- Hekk rega` gara fit-28 ta` Ottubru 2015 u ghalhekk il-kawza thalliet ghat-13 ta` Jannar 2016.

- Kompla jigri l-istess fit-13 ta` Jannar 2016, u l-kawza thalliet ghall-24 ta` Frar 2016.

- Fil-24 ta` Frar 2016, il-prosekuzzjoni pprezentat ittra b`risposta ghad-dokument SW2. Id-difiza talbet zmien biex tiehu konjizzjoni tal-ittra qabel tigi trasmessa lill-awtoritajiet Svizzeri. Il-kawza thalliet ghall-14 ta` Marzu 2016.

- Fl-14 ta` Marzu 2016, il-partijiet talbu differiment u l-kawza marret ghat-18 ta` April 2016.

- Fit-18 ta` April 2016, il-parijiet qablu li qabel ma jintbaghtu l-mistoqsijiet lill-awtoritajiet Svizzeri kellhom jigu ccarati xi punti. Ghalhekk il-kawza thalliet ghas-16 ta` Mejju 2016.

- Fis-16 ta` Mejju 2016, il-qorti kienet infurmata li kien hemm qbil dwar il-korrezzjoni tal-mistoqsijiet li kellhom jintbaghtu lill-awtoritajiet Svizzeri u li kellha ssir komunika lill-Avukat Generali. Il-kawza baqghet ghas-27 ta` Gunju 2016.

- Fis-27 ta` Gunju 2016, il-partijiet talbu aktar zmien biex issir komunikazzjoni mal-Avukat Generali dwar il-kjarifika tal-mistoqsijiet. Il-kawza baqghet ghas-27 ta` Lulju 2016.

- Fis-27 ta` Lulju 2016, id-difiza nfurmat il-qorti li l-kjarifika baqghet ma saritx. Ghalhekk il-kawza baqghet differita ghas-26 ta` Settembru 2016.

- Fis-26 ta` Settembru 2016, id-difiza ddikjarat li kienet nghatat kopja tan-nota li l-Avukat Generali kien se jibghat lill-Awtoritajiet Svizzeri. Il-kawza baqghet ghas-16 ta` Novembru 2016.

- Fis-16 ta` Novemrbu 2016, ma sar xejn ghaliex r-risposti tal-awtoritajiet Svizzeri ma kienux waslu. Ghalhekk il-kawza kienet differita ghal 9 ta` Jannar 2017.

- Fid-9 ta` Jannar 2017, il-qorti kienet infurmata li l-ittri rogatorji ma kienux waslu mill-Isvizzera. Il-qorti tat direzzjoni lill-prosekuzzjoni sabiex il-provi li kien fadlilha tressaq iggibhom fl-udjenza ta` wara u cioe` dik tat-13 ta` Frar 2017.

- Fit-13 ta` Frar 2017, il-prosekuzzjoni talbet differiment ghaliex i) ir-risposti ghall-ittri rogatorji ma kienux waslu ; u ii) kien ghad fadal li jixhed Frank Sammut li kien ghad ghandu proceduri kontra tieghu. Ghalhekk ma kienx imharrek, Il-kawza baqghet ghas-26 ta` April 2017.

- Fis-26 ta` April 2017, il-prosekuzzjoni talbet differiment. Id-difiza nfurmat lill-qorti li r-rogatorji kienu ntbaghtu. Il-kawza baqghet ghall-31 ta` Mejju 2017.

- L-udjenza tal-31 ta` Mejju 2017 ma saritx ghaliex il-qorti kienet impjenjata b`xoghol urgenti.

- L-udjenza ta` wara kienet dik tal-5 ta` Lulju 2017. Il-qorti kienet infurmata li r-risposti ghall-ittri rogatorji ma kienux waslu. Il-kawza thalliet ghad-9 ta` Ottubru 2017.

- Fid-9 ta` Ottubru 2017, il-prosekuzzjoni resqet provi ohra. Talbet li ssir traduzzjoni ta` dokumenti mit-Tedesk ghall-Malti. Il-qorti hatret traduttur. Il-kawza thalliet ghas-27 ta` Novembru 2017.

- Fis-27 ta` Novembru 2017, il-qorti kienet infurmata li t-traduttur ma kienx ghadu gabar l-inkartament biex jaghmel t-traduzzjoni. Il-kawza baqghet ghas-7 ta` Frar 2018.

- Saret seduta fid-29 ta` Jannar 2018 (mhux fis-7 ta` Frar 2018). Saru provi ohra. Irrizulta li kienu saru t-traduzzjonijiet. It-

terminu ma baqax sospiz u sar rinviju. Il-kawza baqghet ghat-12 ta` Marzu 2018.

- Fit-12 ta` Marzu 2018, ma gara xejn u l-kawza marret ghat-23 ta` April 2018.

- Fil-verbal ta` l-udjenza tat-23 ta` April 2018, inghad hekk *inter alia* :

  *Inqrat in-nota tar-rinviju tal-Avukat Generali datata 5 ta` April 2018.*

  *B`referenza ghat-tieni rekwizit jirrizulta li l-Avukat Generali ndika lil Frank Sammut sabiex jixhed f`dawn il-proceduri.*

  *Il-Qorti tinsab informata illi s-Sur Frank Sammut ghandu proceduri pendenti fil-konfront tieghu u ghalhekk ma tharrikx sabiex jaghti x-xiehda tieghu.*

  *Dr S Tonna Lowell ghal Anthony Cassar u Francis Portelli jirrileva illi minhabba dan l-izvilupp u minhabba l-fatt li l-kawza ta` Frtank Sammut kif kkonfermat mill-avukat tieghu llum stess ghadha fis-stadju tal-prosekuzzjoni, din il-kawza ser titwal b`mod allarmanti ; din il-kawza ilha diga` `l fuq minn hames snin li bdiet u l-prosekuzzjoni ghadha qed tigbor il-provi taghha. Ghaldaqstant jitlob lill-prosekuzzjoni illi ssir xi forma ta` arrangement sabiex l-ordni tal-iffrizar jigi limitat ghal ammont illi jigi stabbilit mill-istess prosekuzzjoni sabiex tul id-diversi snin illi din il-kawza ser titkompla minghajr ma jsir xejn, Francis Portelli u Anthony Cassar jkomplu jghixu l-hajja taghhom u jiehdu hsieb in-negozju taghhom u n-numru kbir ta` impjegati taghhom.*

  Dan il-verbal kien komunikat lill-Avukat Generali li nghata zmien sad-differiment ta` wara u cioe` dak tal-4 ta` Gunju 2018 sabiex iwiegeb.

- Fl-4 ta` Gunju 2018, il-kawza marret ghas-16 ta` Lulju 2018 wara talba tal-partijiet.

- Fis-16 ta` Lulju 2018, ma sar xejn billi l-ufficjal prosekutur talab differiment. Il-kawza baqghet ghas-27 ta` Awissu 2018.

- Fis-27 ta` Awissu 2018, il-kawza marret ghat-8 ta` Ottubru 2018 bi qbil tal-partijiet.

- Fit-8 ta` Ottubru 2018, il-kawza thalliet ghall-14 ta` Novembru 2018 billi l-proceduri kontra Frank Sammut kienu ghadhom ghaddejjin.

- Fl-14 ta` Novembru 2018, ma sar xejn. Il-kawza baqghet ghas-26 ta` Dicembru 2018.

- Fis-26 ta` Dicembru 2018, ma deher hadd. Il-kawza thalliet ghas-6 ta` Frar 2019.

- Anke fis-6 ta` Frar 2019 ma sar xejn u l-kawza kienet differita ghall-20 ta` Marzu 2019

**d) <u>Risultanzi</u>**

Ir-rikorrenti tressqu akkuzati fil-21 ta` Frar 2013.

Dakinhar inghataw il-liberta` provvizorja.

Dakinhar ukoll kienu ffrizzati l-assi taghhom wara talba tal-prosekuzzjoni.

Sal-lum, u cioe` sitt snin u hames xhur wara l-presentata, il-kawza ghadha fl-istadju tal-provi tal-prosekuzzjoni.

Ftit inqas minn sena wara l-presentata, u cioe` fil-15 ta` Jannar 2014, il-prosekuzzjoni talbet li tressaq provi permezz ta` ittri rogatorji. It-talba kienet milqugha fil-pront.

Minn imkien ma jirrizulta ghaliex il-prosekuzzjoni damet kwazi sena sabiex taghmel it-talba ghar-rogatorji.

Bejn il-11 ta` Mejju 2015 u l-24 ta` Frar 2016, ma sar xejn ghaliex ir-risposti ghall-ittri rogatorji ma kinux waslu minn barra.

Fil-kors tal-kawza, il-procedura tar-rogatorji kellha ssir aktar minn darba ghaliex il-prosekuzzjoni ma kenitx sodisfatta bit-twegibiet li gew minn barra (ara d-deposizzjoni tal-Ispettur Rennie Stivala).

Mill-24 ta` Frar 2016 sas-26 ta` Settembru 2016, ghadda aktar zmien sabiex l-partijiet jaqblu fuq dak li kellu jerga` jintbaghat l-Isvizzera b`ittri rogatorji. Ma jirrizultax li kien hemm qbil.

Jidher li fl-ewwel rogatorji kien hemm informazzjoni zbaljata.

Bejn is-16 ta` Novembru 2016 u 29 ta` Jannar 2018, kellhom jaslu r-risposti ghall-ittri rogatorji.

In vista tad-dewmien, ir-rikorrenti talbu fit-23 ta` April 2018 li l-ordni ta` ffrizar ikun limitat. It-talba kienet komunikata lill-Avukat Generali. Ma jirrizultax mill-atti x`kienet ir-risposta tal-Avukat Generali ghal din it-talba.

Fil-kawza kriminali kontra r-rikorrenti, jirrizulta li l-provi ta` l-prosekuzzjoni ghandhom mhux maghluqa, ghaliex qeghda tinsisti li jiddeponi bhala xhud ewlieni taghha Frank Sammut, li pero` ma jistax jiddeponi ghaliex kontra tieghu ghad hemm pendenti proceduri kriminali li huma relatati mal-procediment istitwit kontra r-rikorrenti.

Ir-rikorrenti jissottomettu illi huwa lesiv ghad-dritt taghhom ghal smigh xieraq id-dewmien ingustifikat tal-Avukat Generali li jaghlaq l-istadju tal-provi kontra taghhom.

Fl-analizi li trid taghmel, din il-Qorti trid taccerta ruhha jekk id-dewmien huwiex ragjonevolment gustifikat inkella le, kif ukoll jekk

hemmx proporzjonalita` fl-agir tal-Avukat Generali. Infatti l-argumenti li qieghed igib l-intimat fil-prosediment tal-lum huma kollha diretti sabiex igibu fix-xejn il-pretensjoni ta` vjolazzjoni tal-jedd ghal smigh xieraq ghaliex jikkontendi li d-dewmien huwa gustifikat.

Din il-Qorti qieset b`reqqa s-sottomissjonijiet li ghamel r-rapprezentant ta` l-Avukat Generali. Fihom hemm rassenja akkurata ta` x`qalet il-gurisprudenza taghna u tal-ECtHR fejn si tratta ta` dewmien bhala vjolazzjoni tal-jedd ghal smigh xieraq. Pero` ghandu jinghad ukoll illi kull kaz ghandu l-fattispeci partikolari tieghu, u kull insenjament gurisprudenzjali ghandu jsib applikazzjoni propju ghal dawn il-fattispeci.

**Wara li hasbet fit-tul, din il-Qorti ssib illi l-ewwel talba hija ppruvata fil-fatt u fid-dritt.**

Irrizulta bl-aktar mod car u manifest illi r-ragunijiet ghad-dewmien kienu dovuti ghal nuqqasijiet tal-intimat u tal-mod kif qeghda tkun kondotta l-prosekuzzjoni fil-kaz kontra r-rikorrenti.

Ma rrizultax li d-dewmien kien dovut ghall-imgieba tar-rikorrenti.

Lanqas tal-Qorti.

In-nuqqas ewlieni tal-intimat kien kostitwit mill-fatt li, ghalkemm si trattava ta` *a high profile prosecution,* ghal ragunijiet bil-wisq ovvji, il-prosekuzzjoni, ghalkemm jidher li bdiet tirranka tajjeb, aktar ma bdew ighaddu x-xhur u s-snin, aktar bdiet taqa` lura f`dak li wiehed jistenna minnha f`kazi daqstant sensittivi u delikati.

Il-principju ghandu jkun li *the rule of law* tghodd ghal kulhadd l-istess.

Daqstant iehor huwa basilari l-principju li l-process gudizzjarju, specjalment dak penali, fejn favur l-akkuzat tregi l-presunzjoni tal-innocenza, ghandu jitmexxa dejjem skont il-ligi, izda bil-heffa li tkun dettata mill-fattispeci ta` kull kaz.

Meta mbaghad ikollok kazi, bhal dak li penalment jinvolvi lir-rikorrenti, fejn l-effett fuq il-persuni akkuzati jkun, minn zmien ghal zmien, taht il-lenti tal-opinjoni pubblika, u f`socjeta` demokratika, bhal ma hija taghna, l-opinjoni pubblika ghandha vuci qawwija, hemm il-process gudizzjarju ghandu jilhaq il-milja tieghu.

**Din il-Qorti tishaq illi fil-kaz tal-lum sehh dewmien ingustifikat mhux ragjonevoli da parti tal-intimat, sal-punt li kien hemm lezjoni tal-jedd tar-rikorrenti ghal smigh xieraq, liema dewmien m`ghandux ikun addebitat lir-rikorrenti/akkuzati jew lill-Qorti.**

Fost in-nuqqasijiet tal-intimat u/jew tal-prosekuzzjoni, il-Qorti sejra tindika whud li lkoll igorru maghhom l-impronta tan-nuqqas ta` gustifikazzjoni jew ragjonevolezza.

Il-Qorti m`ghandhiex spjegazzjoni ghaliex damet hdax-il xahar biex jintalbu r-rogatorji.

Mela meta l-pulizija ezekuttiva tressaq persuni l-qorti b`akkuzi kriminali, ma tkunx taf il-provi li jsostnu l-akkuzi, meta taf li hija obbligata *ex lege* li taghmel il-prova tal-akkuzi `l hinn minn kull dubju dettat mir-raguni ?

Allura ghaliex ma hasbitx ghall-ittri rogatorji kompleti u precizi mill-bidu nett ?

Fid-deposizzjoni tieghu, l-Ispettur Rennie Stivala jixhed li kien it-tielet spettur li mexxa l-prosekuzzjoni tal-kawza kriminali kontra r-rikorrenti. Huwa minnu li *turnover* ta` persuni huwa naturali specjalment f`ambjenti komplessi, inkluz fil-Pulizija, izda li jirrizulta li f`temp ta` sitt snin fil-kawza kriminali kontra r-rikorrenti, l-Ispettur Rennie Stivala kien it-tielet spettur li, ghal raguni jew ghal ohra, mexxa l-prosekuzzjoni kontra r-rikorrenti mhuwiex accettabbli tenut kont tal-fatti u cirkostanzi partikolari tal-kaz.

L-gheluq tal-provi fil-kawza kriminali kontra r-rikorrenti ddur mad-deposizzjoni ta` Frank Sammut, bhala xhud tal-prosekuzzjoni. L-Ispettur Stivala jiddeskrivi lil Frank Sammut bhala l-persuna li allegatament kien involut fl-hekk maghruf bhala "l-iskandlu taz-zejt". Irrizulta li l-Ispettur Stivala huwa wkoll l-ufficjal prosekutur li qed imexxi l-kawza kriminali kontra Frank Sammut.

Huwa risaput illi akkuzat ghandu l-jedd ghas-silenzju, jedd fondamentali dan li huwa rikonoxxjut mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni.

L-Ispettur Stivala kien mistoqsi fil-kors tal-procediment odjern x`kien fadal sabiex jinghalqu l-provi tal-prosekuzzjoni fil-kaz ta` Frank Sammut. It-twegiba tieghu kienet fis-sens li kienu qeghdin jistennew risposti minn barra ghal ittri rogatorji.

Dak li tassew ihasseb u jinkwieta lil din il-Qorti fil-kuntest tal-kwistjoni tad-dewmien, li hija l-pern tal-lanjanza kif dedotta fl-ewwel talba tar-rikorrenti, hija dik il-parti tax-xiehda tal-Ispettur Stivala meta stqarr illi fl-udjenza tal-20 ta` Marzu 2019 tal-kawza kontra r-rikorrenti, il-prosekuzzjoni kienet iddikjarat li kienu qeghdin jahdmu fuq rogatorji godda u li kien ghad fadal ix-xhud Frank Sammut x`jiddeponi.

Ghal din il-Qorti, mhuwiex accettabbli mill-punto di vista ta` harsien ta` jeddijiet fondamentali imharsa bil-Kostituzzjoni u bil-Konvenzjoni illi xi hadd b`awtorita` pubblika, u prosekutur fil-kaz kriminali kontra r-rikorrenti, jixhed li ghalkemm ir-rogatorji kienu saru sentejn qabel, ir-risposta li giet minn barra ma kenitx ezawrijenti. Imbaghad jasal biex jixhed illi sakemm waslu r-risposti minn barra u gew tradotti, kien ghaddew madwar 14-il xahar. Imbaghad biex tkompli zzid id-doza tat-thassib ta` din il-Qorti, ikompli jispjega li wara li hadu konjizzjoni tar-risposti, dehrilhom li kellhom bzonn jaghmlu domandi ohra.

Jekk kien hemm bzonn ta` prova tan-nuqqas lampanti u grossolan tal-prosekuzzjoni, kienet it-twegiba skjetta tal-Ispettur Stivala ghad-domanda ta` l-Qorti meta kien mistoqsi jekk kinux intbaghtu l-ittri rogatorji l-godda fil-kaz ta` kontra Frank Sammut. Ix-xhud wiegeb illi kienu ghadhom mhux mibghuta, ghaliex kien hemm

diversi atti x`jigu skrutinati, u fil-kaz kien hemm biss involuta persuna wahda.

L-intimat jaghmel l-argument illi l-accertament tal-lezjoni dwar smigh xieraq ghandha ssir fuq l-assjem tal-procediment li tkun involuta fih il-persuna li tkun qeghda taghmel l-ilment meta l-procediment li fih tkun involuta jasal fit-tmiem tieghu. Din il-Qorti tghid illi t-tesi tal-intimat ma tistax tregi f`kull sitwazzjoni. Tghid li ma hemm l-ebda vinkolu legali, imbaghad fi procediment tax-xorta li huwa dak tal-lum, illi tistenna t-tmiem tal-proceduri kriminali kontra r-rikorrenti sabiex tesprimi ruhha dwar il-vjolazzjoni lamentata, ladarba rrizulta ppruvat li fil-kors tal-procediment quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhal Qorti Istruttorja diga` sehhet il-lezjoni tad-dritt tar-rikorrenti ghal smigh xieraq, u aktar ma jitwal il-kaz, il-lezjoni se tippersisti.

Jirrizulta li sad-data meta bdiet il-kawza tal-lum, kienu saru 52 udjenza quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhal Qorti Istruttorja. Ma sar xejn fil-kaz ta` 30 seduta minnhom : il-bicca l-kbira mputabbli ghall-prosekuzzjoni. Sal-udjenza tat-13 ta` Frar 2017, tista` tghid kienu tressqu x-xhieda kollha. Dan qed jigi rilevat ghaliex f`dik l-udjenza l-qorti kienet nfurmata li bhala xhud kien ghad fadal li jixhed Frank Sammut. Fil-kaz tal-lum, il-Qorti ttenni illi ghalkemm xi udjenzi ma sarux bi qbil bejn iz-zewg nahat, il-bicca l-kbira tal-udjenzi li ma sarux kien dovut ghall-intimat u/jew ghall-prosekuzzjoni jew ghaliex ma kienx hemm xhieda jew ghaliex kienu qeghdin jistennew ir-risposti ghall-ittri rogatorji. Teskludi li r-rikorrenti kkagunaw dewmien bl-imgieba taghhom.

Jirrizulta ppruvat illi hafna zmien sfuma fix-xejn minhabba dewmien li jaslu r-risposti ghall-ittri rogatorji, fatt dan li kien ghal kollox taht il-kontroll tal-intimat u/jew prosekuzzjoni ; certament mhux taht il-kontroll jew skrutinju tal-akkuzati jew tal-qorti. Ghalhekk hija l-prosekuzjoni li trid twiegeb ghal kull nuqqas taghha jew ta` haddiehor li jiddependi mill-hidma taghha. Fil-kaz tal-lum, irrizulta li ghall-ewwel intbaghtu ittri rogatorji barra b`informazzjoni mhux korretta mill-ufficcju tal-intimat. Sakemm saru l-accertamenti, ghadda zmien sewwa. Jidher li l-procedura tal-ittri rogatorji ntemmet fis-seduta tat-28 ta` Jannar 2018. Wara dakinhar il-kawza kienet differita

kull darba minhabba li ma jistax jixhed Frank Sammut. Jirrizulta bhala fatt mill-verbal tal-udjenza tat-30 ta` Marzu 2015 quddiem il-Qorti Istruttorja (fol 132) illi Frank Sammut xehed u kien riservat il-kontroezami tieghu. Ghalkemm din il-Qorti m`ghandhiex ghad-disposizzjoni taghha t-traskrizzjoni ta` din x-xiehda, tipprezumi li d-deposizzjoni ta` Frank Sammut kienet limitata ghal dikjarazzjoni min-naha tieghu li kien qed jipprevalixxi ruhu mill-jedd tas-silenzju.

Il-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali tat-13 ta` Lulju 2018 fir-Referenza : **<u>Il-Pulizija vs Silvio Zammit</u>** fejn inghad :

*Filwaqt illi huwa minnu li l-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja hija prekluza milli tiddikjara maghluqa l-istadju tal-provi tal-prosekuzzjoni, dan ma jfissirx illi l-istess prosekuzzjoni tista` tabbuza mill-iter processwali. Bla dubju, xejn ma jista` jwarrab il-fatt illi l-kumpilazzjoni tax-xhieda quddiem il-Qorti riferenti ilha ghaddejja aktar minn hames snin. Ghalkemm huwa assodat in materja ta` dewmien ghall-finijiet tal-artikolu 6 li jista` jkun hemm cirkostanzi fejn dak it-tul ta` zmien ukoll jitqies li huwa ragjonevoli, bhal meta l-kaz ikun komplikat u jkun jehtieg investigazzjoni dettaljata u akkurata u kumpilazzjoni ta` hafna xiehda, fil-kaz tal-lum ma tressqet l-ebda prova li d-dewmien sabiex titressaq l-ahhar xhud huwa kawza ta` xi wiehed minn dawn il-fatturi.*

**Il-Qorti tilqa` l-ewwel talba.**

## 2. <u>It-tieni talba</u>

Fit-tieni talba, ir-rikorrenti qeghdin jitolbu dikjarazzjoni mill-qorti li :-

*... l-istess agir qed jikser id-dritt ta` l-esponenti ghall-proprjeta` kif sancit l-Artikolu 1 ta` l-Ewwel Protokoll ghall-Konvenzjoni Ewropea.*

Il-vjolazzjoni lamentata mir-rikorrenti fit-tieni talba hija li konsegwenza tad-dewmien ingustifikat tal-procediment kriminali, qed ikun hemm effett negattiv fuq ir-rikorrenti bl-infurzar u bl-effett prolungat ta` l-ordni ta` ffrizar.

**a) <u>Dritt</u>**

**<u>L-Art 1 Prot 1 tal-Konvenzjoni</u>** jghid :-

*Kull persuna naturali jew persuna morali ghandha dritt ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti taghha. Hadd ma ghandu jigi pprivat mill-possedimenti tieghu hlief fl-interess pubbliku u bla hsara ghall-kundizzjonijiet provduti bil-ligi u bil-principji generali tal-ligi internazzjonali :*

*Izda d-disposizzjonijiet ta` qabel ma ghandhom b`ebda mod inaqqsu d-dritt ta` Stat li jwettaq dawk il-ligijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-uzu ta` proprjetà skont l-interess generali jew biex jizgura l-hlas ta` taxxi jew kontribuzzjonijiet ohra jew pieni.*

Fis-sentenza li tat fil-5 ta` Ottubru 2018 fil-kawza **<u>George Tabone vs Avukat Generali</u>** il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk :–

*Illi l-imsemmi artiklu* (u cioe` Art 1 Prot tal-Konvenzjoni) *allura jikkonsisti fi tliet (3) binarji senjatament :*

1. *id-dritt ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti ;*

2. *li persuna tista` tigi mcahhda mill-istess possedimenti taghha fl-interess pubbliku u suggetta ghall-kundizzjonijiet li tipprovdi l-ligi ;*

3. *li l-Istat ghandu dritt jikkontrolla l-uzu tal-proprjetà skont l-interess generali, jew biex jiggarantixxi l-hlas ta` taxxi, jew*

*kontribuzzjonijiet, jew pieni.*

*... ... ...*

*Illi ghalhekk jigi sottolineat li l-ordni ta` infurzar [recte, iffrizar] li minnu jilmenta r-rikorrenti jirrizulta effettivament kontemplat mil-ligi u l-ghan tieghu hu dak li jissalvagwarda l-interess pubbliku billi ma jippermettix lil min qieghed jiggwadanja tramite l-kommissjoni ta` reati*

Fil-kaz tal-lum, l-esitu li jista` jkollhom il-proceduri kriminali istitwiti kontra r-rikorrenti ghadu mhux maghruf. Il-fatt li kien hemm dewmien ingustifikat lesiv ghall-jedd tar-rikorrenti ghal smigh xieraq, la jhassar il-bzonn tal-ordni ta` ffrizar ; lanqas ma jnaqqar mil-legittimita` tieghu ; u lanqas ma jirrendi mhux legali l-mizura *ut sic.*

L-iskop tal-ordni ta` ffrizar mhuwiex li jopprimi l-patrimonju ta` l-persuna akkuzata izda li jassikura li sakemm tkun deciza l-kawza kriminali ma jkunx hemm gwadann illecitu mill-proventi tar-reati li bihom il-persuna tkun giet akkuzata.

Il-Qorti tkompli ticcita mis-sentenza **George Tabone vs Avukat Generali** (op. cit.) :

*Aktar minn hekk, izda, il-Kap. 373 stess jahseb ghal sitwazzjonijiet bhal dawk imsemmija mill-atturi fl-ewwel aggravju taghhom fejn il- persuna akkuzata, soggetta ghall-ordni, tista` ggarrab telf u danni ghax, minhabba l-ordni, tonqos mill-thallas kredituri bona fide. Biex l- akkuzat ma jgarrbx tbatija zejda u li tista` tkun evitata f`cirkostanzi bhal dawk, l-art. 5(1) tal-Kap. 373 jipprovdi mhux biss illi l-akkuzat jista` jiehu, mill-beni sekwestrati, sa tlittax-il elf, disa` mija u sitta u sebghin euro u erbgha u ghoxrin centezmu (€13,976.24) fis-sena – li l-attur Tabone gà qieghed jircievi – izda wkoll illi :*
*... ... ...*

*il-qorti tista` barra minn dan - (a)tawtorizza l-hlas ta` djun li jkollhom jithallsu mill-akkuzat lil kredituri bona fide u li jkunu saru qabel ma jkun sar dak l-ordni; u (b) ghal raguni tajba tawtorizza lill-akkuzat biex jittrasferixxi proprjetà mobbli jew immobbli.*

*Din id-disposizzjoni tal-ligi tohloq bilanc bejn l-interess pubbliku li jinholqu mizuri biex, min-naha l-wahda, min ikun hati ta` reat ma*

*jihux beneficcju mill-att ta` delinkwenza, u biex, min-naha l-ohra, il-persuna akkuzata – sa issa meqjusa innocenti – ma ggarbx hsara u tbatija safejn dawn jistghu jigu evitati bla ma jiddghajjef il-ghan li l-ligi trid tilhaq bil-hrug ta` ordni ta` sekwestru.*

*L-atturi ma nqdewx bil-possibilità ta` rimedju li jaghtihom il-proviso ghall-art. 5(1) migjub fuq. B`rikors tas-6 ta` Marzu 2013 talbu t-thassir tal-ordni ghal ragunijiet ohra u mhux ghar-ragunijiet imsemmija fil- proviso. L-ezistenza ta` dan ir-rimedju izda, ghalkemm l-atturi ma nqdewx bih, huwa bizzejjed biex juri illi hemm mekkanizmu fil-Kap. 373 stess biex jintlahaq il-bilanc u l-proporzjon li jridu l-ligijiet li jharsu d-drittijiet fondamentali.*

*…*

*Li qieghda tghid il-qorti hu illi l-hrug tal-ordni li jolqot il-flejjes u l-proprjetà kollha tal-akkuzat ma huwiex mizura sproporzjonata ghax fih innifsu hemm il-mekkanizmu biex l-effetti tal-ordni jkunu arginati biex ma joholqux hsara u tbatija zejda lill-akkuzat, minghajr ma, fl-istess waqt, titnaqqas l-utilità ta` mizura bhal dik fil-glieda kontra d-delinkwenza u kontra l- hasil ta` flus gejjin mid-delinkwenza.*

**Il-Qorti qeghda tichad it-tieni talba.**

**3. <u>It-tielet talba</u>**

Fit-tielet talba, ir-rikorrenti qeghdin jitolbu dikjarazzjoni mill-qorti :

*tan-nullita` tal-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala qorti istruttorja fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Francis Portelli u Anthony Cassar" u l-konsegwenti estinzjoni ta` l-azzjoni kriminali in kwantu l-Avukat Generali ma jridx jaghlaq il-provi tieghu.*

Accertata l-vjolazzjoni skont l-ewwel talba, l-ghamla u l-kwalita` tar-rimedju li ghandu jinghata ghal dik il-vjolazzjoni jispetta dejjem lill-Qorti.  Ghaliex id-diskrezzjoni li ghandha l-Qorti hija wiesgha, trid tkun ezercitata bil-galbu u b`kawtela, skont il-fatti u c-cirkostanzi tal-kaz.

Ir-rikorrenti jaccettaw illi dak li ntalab fit-tielet talba huwa rimedju estrem. Din il-Qorti hekk ukoll jidhrilha. Anzi tghid li mhuwiex ir-rimedju ndikat.

Minn dan li nghad mir-rikorrenti fil-kors tas-sottomissjonijiet tal-ahhar, huwa evidenti illi dak li tassew iridu mhuwiex it-thassir tal-procediment kriminali istitwit kontra taghhom, izda l-gheluq tal-provi mill-prosekuzzjoni.

Fir-realta` hekk iridu ghaliex kif kien dikjarat waqt is-sottomissjonijiet l-interess tar-rikorrenti huwa li jressqu l-provi taghhom, sabiex, skont huma, jirrizulta finalment li mhumiex hatja tal-akkuzi dedotti kontra taghhom, u b`hekk tkun riaffermata r-reputazzjoni taghhom ta` negozjanti affidabbli.

Fil-principju t-thassir tal-procediment kriminali fl-intier tieghu ma jista` jwassal qatt biex tkun riaffermata din ir-reputazzjoni ghaliex is-suspett ta` *wrong doing* ma jitwarrab qatt mill-mohh tal-opinjoni pubblika, jekk id-*due process* ma jithalliex jiehu l-kors intier tieghu skont il-ligi, bl-osservanza stretta u shiha tal-jeddijiet fondamentali tal-persuna, jekk hemm bzonn saz-zewg gradi ta` gudizzju.

**It-tielet talba qeghda tkun respinta.**

## 4. <u>Ir-raba` talba</u>

Fir-raba` talba, ir-rikorrenti ressqu talba alternattiva ghal dik saret fit-tielet talba, u cioe` li l-qorti :-

*tordna lill-Avukat Generali sabiex jirrinvija ghall-gudizzju l-atti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala qorti istruttorja fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Francis Portelli u Anthony Cassar" f`terminu qasir stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti u thassar u tikkancella l-ordni ta` l-iffrizar in kwantu d-dewmien bil-ksur tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni qed jilledi d-drittijiet taghhom ghal smigh xieraq u ghall-proprjeta` kif fuq inghad.*

Il-Qorti tqis illi, tenut kont tal-mod kif svolgew il-fatti, ir-rimedju

l-aktar indikat huwa li tipprefigi terminu sabiex il-prosekuzzjoni tressaq il-provi kollha li fadal fil-procediment kriminali pendenti kontra r-rikorrenti, u l-intimat jirrinvija ghall-gudizzju l-atti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja. Rimedju ta` din ix-xorta jassikura l-bilanc ta` drittijiet u obbligi fil-process kriminali, b`mod u manjiera li fil-konkret id-dewmien ma jkomplix jikkaguna lezjoni tad-dritt ghal smigh xieraq kif imhares bil-Kostituzzjoni u bil-Konvenzjoni.

Ghaliex jidhrilha li dak ir-rimedju jindirizza preciz il-vjolazzjoni accertata, ma ssibx li ghandha ghalfejn, b`zieda ma` dak ir-rimedju, tordna t-thassir tal-ordni ta` ffrizar.

**Ghalhekk qeghda tilqa` r-raba` talba parzjalment.**

## 5. <u>Il-hames talba</u>

Ir-rikorrenti talbu wkoll lil din il-Qorti sabiex :

*taghti d-direttivi kollha sabiex jigu sanciti d-drittijiet fondamentali u kostituzzjonali ta` l-esponenti kif protetti mill-istess Kostituzzjoni u Konvenzjoni inkluz l-ghoti ta` danni materjali u dawk mhux pekunjarji kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*

Billi jidhrilha li r-rimedju li akkordat parzjalment skont ir-raba` talba huwa dak l-aktar indikat u idoneju, ma tarax il-htiega li taghti direttivi ohra skont il-hames talba.

Il-likwidazzjoni ta` kumpens, min-naha wahda kif prospettat mir-rikorrenti, b`zieda ma` l-ghoti ta` rimedji ohra, u min-naha l-ohra kif prospettat mill-intimat bhala dak indikat fil-kaz ta` accertata vjolazzjoni, ghandha tigi eskluza tenut kont tal-fattispeci ta` dan il-kaz.

**Il-hames talba qeghda tkun michuda.**

**Decide**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tipprovdi dwar it-talbiet u dwar l-eccezzjonijiet, billi qeghda taqta` u tiddeciedi hekk :-**

**Tilqa` l-ewwel talba.**

**Tichad it-tieni, it-tielet u l-hames talbiet.**

**Tilqa` r-raba` talba parzjalment billi tordna lill-Avukat Generali sabiex sa mhux aktar tard mill-31 ta` Dicembru 2019 jinghalqu l-provi tal-prosekuzzjoni fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Francis Portelli u Anthony Cassar" fuq riferita, u jirrinvija l-atti ghall-gudizzju lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja.**

**Tichad il-bqija tar-raba` talba.**

**Tordna li l-ispejjez kollha ta` din il-kawza jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**